MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 162/2014/1

**Kerber Securities Ltd (C 37233)**

**v.**

**Wasteserv Malta Ltd u Signal 8 Security Services Malta Limited**

**Preliminari**

**1.** Dan hu appell maghmul mis-socjeta` **Kerber Securities Limited** [l-appellanti] minn decizjoni moghtija mill-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici [il-Bord] fil-25 ta' Marzu 2014 li permezz taghha l-Bord iddecieda hekk:

> *"1. From the submissisons made by both the Appellant and the Contracting Authority, this Board opined to take the responsibility to establish a minimum hourly cost of the labour force. To this effect, this same Board, through the pertinent Authority confirmed the following;*
>
> *"2. For the year 2014, the minimum hourly labour cost rate is dictated the fragments as shown below:"*
>
> *-omissis-*
>
> *"3. As can be deducted from the above simple calcualtion, this Board opines that no commercial enterprise would enter into an obligation for a ridiculous margin of contribution. In this regard, this Board feels that both the Preferred Bidder's [Kerber] and the Appellant's [Signal] quoted rates could lead to precarious conditions being implemented.*
>
> *"In view of the above, this Board opines that a fresh tender be issued wherein prospective Tenderers should reflect a 'realistic costing' exercise together with a practical margin of profit, in their bids. This will ensure that any precarious situation is totally eradicated.*

> *"This Board recommends that the deposit paid by the Appellant Company [Signal] should be reimbursed."*

**2.** Il-Bord hawnhekk, wara li elenka l-ispejjez relattivi ghal kull impjegat, u sussegwentment wara li ghamel ezami komparattiv tal-offerti maghmula mis-socjeta` appellanti li hija l-*preferred bidder*[1], u s-socjeta` appellata Signal[2], u wara li hadet in konsiderazzjoni l-*hourly costs* relattivi, indikat li l-margini tal-profit li kienu ser jaghmlu dawn iz-zewg socjetajiet kien wiehed marginali ghat-tnejn. Fil-kaz tal-appellanti dan kien komputat li kien ser ikun ta' €0.03 filwaqt li fil-kaz tal-appellata Signal kien komputat fl-ammont ta' €0.02.

**Id-Decizjoni tal-Bord**

**3.** Il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu wara li kkunsidra kemm ir-ragunijiet moghtija minn Signal ghall-oggezzjoni taghha, kif ukoll is-sottomissjonijiet orali ta' Wasteserv Malta Limited [l-Awtorita` appellata]. Il-Bord osserva li r-ragunijiet moghtija minn Signal huma bazati fuq zewg konsiderazzjonijiet:

> *"a) Appellant [Signal] contends that the hourly rates quoted by the preferred Bidder could easily lead to precarious conditions being implemented by same.*

[1] Li offriet rata ta' €6.40 fis-siegha
[2] Li offriet rata ta' €6.68 fis-siegha

*"b) Appellant referred to the recent directives issued, to safeguard the conditions of the labour force. These directives have to be abided too [recte:by]."*

**4.** Is-sottomissjonijiet maghmula mill-Awtorita` appellata quddiem il-Bord huma:

*"a) The Contracting Authority contends that during the evaluation process the Board followed the procedures in accordance with the regulations as stipulated in the Public Procurment Act.*

*"b) The Evaluation Board of the Contracting Authority applied the 'Fully Compliant and Cheapest' concept, in selecting the award."*

**<u>L-Appell ta' Kerber Securities Limited</u>**

**5.** Dan l-appell huwa msejjes fuq tliet aggravji: [1] li l-Bord ma ottemperax ruhu mal-ligi ghax la cahad u lanqas laqa' l-ilment ta' Signal; [2] li l-Bord ecceda l-kompetenza tieghu meta, wara li kkunsidra li z-zewg partijiet kienu ser jaghmlu margini ta' profitt zghir, ordna lil jinhargu sejjhiet godda ghal offerti; [3] li d-decizjoni tal-Bord hija *ultra petita* peress li ma kinitx giet mitluba li taghmel l-ezercizju li fil-fatt ghamlet u li wassalha ghad-decizjoni li tordna sejha gdida ghal offerti.

**6.** Ghalhekk is-socjeta` appellanti Kerber qed titlob li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni appellata u, filwaqt li tikkonferma d-decizjoni tal-Awtorita` appellata li permezz taghha t-*tender* gie rakkomandat li jinghata lilha, it-tender *de quo* jigi moghti lilha bhala l-irhas offerent li jissodisfa l-kriterji amministrattivi u teknici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kollha kontra l-appellati.

**7.** L-Awtorita` appellata fir-risposta taghha, u ghar-ragunijiet hemm indikati, ukoll talbet it-thassir tad-decizjoni appellata u l-konferma tad-decizjoni taghha li t-*tender* jinghata lis-socjeta` appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata Signal. Tghid li hi m'ghandhiex tigi akkollata spejjez stante li dawn il-procedimenti gew istitwiti b' konsegwenza tal-oggezzjoni tas-socjeta` appellata Signal u ghalhekk se mai ghandhom jkunu a karigu ta' din is-socjeta`.

**8.** Min-naha taghha s-socjeta` appellata Signal irrispondiet ghall-appell tas-socjeta` appellanti fejn talbet li, ghar-ragunijiet indikati fir-risposta taghha, l-appell jigi michud u d-decizjoni appellata tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez a karigu tal-appellanti.

**9.** Tenut kont tal-fatt li l-aggravji huma konnessi, din il-Qorti ser tikkunsidrahom flimkien, wara li taghti espozizzjoni qasira kemm tal-aggravji kif ukoll tar-risposti.

*L-ewwel aggravju*

*Sottomissjoni tal-appellanti u risposti tal-appellati*

**10.** L-aggravju tas-socjeta` appellanti hu fis-sens li l-Bord ma ottemperax ruhhu mad-dispost tar-regolament 21[4] tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici [LS 174.04] billi ma ddikjarax li kien qed jilqa' jew qed jichad l-appell kif inhu marbut li jaghmel bil-ligi. Kerber tkompli tghid li, filwaqt li l-Bord ikkonkluda li l-offerta tas-socjeta` Signal kienet twassal ghal prekarjat u li sahansitra dik is-socjeta` kienet f'pozizzjoni aghar minn taghha, fid-decizjoni l-Bord ma qalx huwiex qed jilqa' jew jichad l-ilment, izda, paradossalment ghadda biex irrakkomanda li l-ispejjez tal-oggezzjoni tehodhom lura.

**11.** Fir-rigward, is-socjeta` appellata Signal tghid li dan l-aggravju huwa frivolu stante li mid-decizjoni tal-Bord jirrizulta b'mod car li l-Bord cahad l-ilment imressaq ghax kieku ma kienx jasal ghall-konkluzjoni li ghandha tinhareg sejha gdida ghall-offerti. Il-Bord m'ghandux ikun marbut b'formalizmu zejjed u d-decizjoni m'ghandhiex tigi revokata unikament ghax ma giex dikjarat espressament li t-talba kienet qed tintlaqa'.

*It-tieni aggravju*

*Sottomissjonijiet tas-socjeta` appellanti u risposti tas-socjetajiet appellati*

**12.** Dan l-aggravju tas-socjeta` appellanti hu fis-sens li l-Bord mar lil' hinn mill-kompetenza tieghu meta fid-decizjoni l-Bord qal minn jeddu li ser jiehu r-responsabilta` li jistabbilixxi l-minimum *hourly cost of labour force*. Din ir-responsabilta` li ha fuqu l-Bord la taghtielu l-ligi u wisq anqas intalab jaghmel hekk mill-oggezzjonant. Fuq kollox il-Bord mhuwiex il-forum ikkostitwit mil-ligi biex jinvestiga jew jippenalizza sitwazzjonijiet marbutin mal-ligi tax-xoghol. Dik il-funzjoni hija mhollija f'idejn awtoritajiet appoziti ohra, pero` zgur mhux il-Bord.

**13.** Tghid ukoll li ghall-fini tal-osservanza tal-ligi dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol l-offerenti kollha, inkluz l-istess socjeta` appellanti kellhom jiffirmaw dikjarazzjoni intitolata *'Statement on Conditions of Employment'* li biha huma kkonfermaw li ser josservaw il-ligijiet kollha tax-xoghol, inkluz dawk dwar il-pagi minimi u dwar kundizzjonijiet ohra tax-xoghol. Il-Bord ma kkonstata ebda nuqqas fir-rigward da parti tas-socjeta` appellanti, tant li anki kkonferma li kien ser ikun hemm margini ta' profitt, anke jekk fl-opinjoni tal-Bord, kien margini zghira. Inoltre, ma sab ebda nuqqas da parti tal-Awtorita` appellata. Ghalhekk, ladarba ma sab ebda nuqqas fil-konfront tas-socjeta` appellata jew tal-Awtorita` appellata l-Bord ma setax johrog b'soluzzjoni ghal kollox estraneja u jirrakkomanda li jinhareg *tender* gdid b'kundizzjonijiet godda. Dak

li kellu jiddeciedi l-Bord kien biss it-*tender* inkwistjoni bil-kundizzjonijiet prestabbiliti fih.

**14.** B'referenza ghall-oggezzjoni[3] da parti tas-socjeta` appellata Signal dwar il-*part-timers*, is-socjeta` appellanti tghid li l-Bord ma sab ebda ksur fir-rigward la da parti taghha u lanqas da parti tas-socjeta` kontraenti. Inoltre, imkien ma kien hemm fit-*tender document* xi rekwizit li l-offerenti jridu jhaddmu *full-timers* biss jew *part-timers* u *full-timers* f'daqqa jew alternattivament. Ghalhekk, apparti li ma kien hemm xejn indikat dwar dan fit-*tender document*, il-Bord ma sab ebda nuqqas fir-rigward.

**15.** Is-socjeta` appellanti tkompli tghid:

> "… ma taqbilx li hija [Kerber] kienet ser thaddan xi kondizzjonijet ta' prekarjat. Il-margini ta' profitt li kkonstata l-Bord, ghalkemm fil-fehma tieghu deherlu li huwa zghir, jikkonferma li profitt kien ser ikun hemm. Il-profitt necessarjament jimplika li l-pagi minimi stabbiliti mill-ligi u l-kundizzjonijiet l-ohra [tax-xoghol]…. kienu kollha ser jithallsu u li kien ser jibqa' profitt zghir….Mela allura ma kienx ser ikun hemm ebda prekarjat ghall-impjegati….. Madankollu, jigi rilevat li raguni ghalfejn kumpanija tidhol ghal kuntratt hija rrilevanti ghall-fini tad-decizjoni li jrid jiehu l-Bord ta' Revizjoni li ma kellux ghalfejn jidhol fiha."[4]

[3] Avviz ta' Oggezzjoni datat 24 Jannar 2014 par.3
[4] Is-socjeta` appellata spjegat ukoll li jsta' jkun hemm ragunijiet ta' natura kummercjali li ghalihom socjeta` kummercjali tidhol ghall-kuntratt li finanzjarjament ikun jirrendi profitt zghir, izda li jkabbar ir-reputazzjoni taghha fis-suq kummercjali ghall-offerti futuri.

**16.** Fir-rigward, is-socjeta` appellata Signal tghid li dwar dan l-aggravju li l-pern tal-kwistjoni li kellu quddiem il-Bord kienet ir-rata ta' paga minima fis-siegha li kienu ser jithallsu l-impjegati, u ghalhekk, tenut kont li l-Bord huwa marbut bil-ligi li jezamina l-kwistjoni li tingieb quddiemu b'mod gust u ekwu u peress li gie allegat li r-rata kienet ser tithallas lill-impjegati ma kinitx skont il-ligi, il-Bord kien proprju mistenni li jezamina tali kwistjoni fid-dettal kif fil-fatt ghamel sabiex jassikura li kull aspett tat-*tender* hu in konformita` mal-ligi. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-Bord agixxa oltre l-kompetenza tieghu.

**17.** Il-Bord agixxa skont il-ligi u fil-parametri tal-ligi meta vverifika li l-offerent maghzul mill-Awtorita` kompetenti sabiex jipprovdi s-servizzi rikjesti jkun qieghed dejjem jagixxi in ottemperanza mal-ligi. Tghid li:

> "… gialadarba l-Bord kellu f' idejh l-ghodda u l-informazzjoni mehtiega sabiex jikkalkula u kwindi jivverifika l-korretezza o meno tal-ilment imressaq quddiemu l-Bord iddecieda l-appell kif inhu obbligat li jaghamel fl-ambitu tal-poteri moghtija lilu u fil-fatt irrizulta li, nonostante d-dikjarazzjoni ffirmata, l-appellanti ossia Kerber Securities Limited kienu ser joperaw kontra l-ligi f' kaz li kienu ser jinzammu r-rati originali."

*It-tielet aggravju*

**18.** Dan hu relatat mat-tieni aggravju, inkwantu hu fis-sens li d-decizjoni tal-Bord hija *ultra petita* inkwantu ordnat li jinhareg *tender* gdid fejn l-offerenti jaghtu *"a realistic costing exercise together with a practical margin of profit."*

Is-socjeta` appellanti tghid li din il-proposta tal-Bord tohnoq il-kompetizzjoni u xxejjen l-iskop kollu tal-proceduri ta' tendering. Tghid:

> "Li l-Awtorita' appellata tigi ordnata mill-Bord ta' Revizjoni sabiex tohrog sejha gdida ghall-offerti li fiha jkun jhemm stabbilit il-"margin of profit" kif iddecieda l-Bord ikun ifisser effettivament li l-offerenti jkunu jafu minn qabel liema rata hija dik rebieha u dan b' mod partikolari f' kuntratti bhal dak in kwistjoni fejn is-servizz huwa wiehed regolat ukoll bil-paga minima."

**19.** Id-decizjoni hija ultra petita ghax is-socjeta` Signal ma talbitx lill-Bord sabiex taghti d-decizjoni li tat u taghmel il-proposta li ghamlet.

**20.** Issostni li l-Bord ta' Revizjoni kellu jhares biss lejn l-istat ta' fatt ikkostitwit bl-imsemmi dokument tat-*tender*. Kieku ghamel dan biss u baqa' fil-parametri tal-ligi, il-Bord kien necessarjament ikollu jasal ghall-konkluzjoni li s-socjeta` appellanti tirbah dan it-*tender* peress li l-offerta taghha kienet tissodisfa l-kriterju stabbilit fil-klawsola 5.1.1[5] tat-*tender* dokument.

**21.** Fir-rigward, is-socjeta` appellata Signal tghid li ladarba l-ilment imressaq quddiem il-Bord kien li r-rati tal-hlas kienu effettivament bi ksur tal-ligi, kien l-obbligu tal-Bord li jivverifika li l-ebda parti tas-servizzi ma jkunu qeghdin jigu pprovduti kontra l-ligi. Huwa ghalhekk li, wara li l-Bord stabbilixxa r-rati ta' hlas proposti setghu effettivament iwasslu ghal sitwazzjoni li tkun bi ksur tal-

[5] Supra

ligi, il-Bord ikkonkluda li t-*tender* ghandu jerga' jinhareg sabiex l-offerenti jevalwaw l-ispejjez u l-profitti b'mod rejalistiku u li jaghmel sens finanzjarju sabiex b'hekk tinqata' kull possibilta` ta' abbuz.

**22.** Ghalhekk l-intenzjoni tal-Bord mhijiex dik li tonhoq il-kompetizzjoni jew li xxejjen l-iskop tal-proceduri tas-sejhiet pubblici izda li jigi assigurat li f'kazijiet bhal dawn it-*tender* ghandu jinghata lil min joffri l-irhas rati li, ghalkemm accettabbli ghall-offerent, ma jkunux ta' pregudizzju ghall-haddiema inkwantu jkunu jithallsu anqas mill-paga minima. Di fatti l-Bord spjega li hu mhux ser juzurpa l-funzjonijiet tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni, imma li ser jezamina l-offerti kemm tal-appellant kif ukoll tas-socjeta` appellata biex jikkonstata *"if any could lead to abuse leading to precarious employment."*

**23.** Fir-risposta taghha <u>l-Awtorita` appellata</u>, filwaqt li ddikjarat li sostanzjalment taqbel mal-kontenut tar-rikors tal-appell tas-socjeta` appellanti, issenjalat li ma kienx il-kompitu tal-Bord li jistabbilixxi *"a verified minimum hourly cost of the labour force."* Dak li kellu jaghmel il-Bord kien biss li jiddeciedi fuq il-fatti tal-vertenza li kellu quddiemu jekk l-oggezzjoni tas-socjeta` Signal kellhiex tintlaqa' jew le.

**24.** Meta l-Bord osserva li *"no commercial enterprise would enter into an obligation for a ridiculous margin of contribution"* huwa bbaza din il-konkluzjoni

fuq assunzjoni dwar margini ta' profitt u dwar sitwazzjoni ta' prekarjat li ma gietx provata. Inoltre, is-sottomissjoni tas-socjeta` appellata Signal li tezisti l-possibilita` li s-socjeta` appellanti tahdem b'telf, hija rrelevanti ghall-finijiet tal-ghoti tat-*tender* u tad-decizjoni tal-Bord, anke ghaliex hija bbazata merament fuq ipotezijiet.

**25.** Barra minnhekk l-Awtorita` appellata taghmel referenza ghal dak li intqal mir-rapprezentant tas-socjeta` appellata Signal fis-seduta quddiem il-Bord, u cioe`:

> *"….[at present] appellant firm [Signal] is in discussions with the Department of Labour because of financial constrainets it cannot implement a number of clauses in the collective agreement. This type of race to the bottom awards will increase the pressure on the appellant inducing it to cease operations."*

**26.** L-Awtorita` ssostni li minn dan jirrizulta li hija s-socjeta` appellata Signal li ma tistax tiggarantixxi l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati, u ghalhekk ma tistax tippretendi li tigi moghtija *tender* in vista tad-diffikultajiet finanzjarji taghha.

**27.** L-Awtorita` tessenjala li:

> "Fil-kaz tat-tender odjern, il-*bidders* kollha kienu konformi mat-termini u regolamenti tat-tender u ghalhekk l-aggudikazzjoni kellha ssir u effettivament

> saret skond l-offerti tal-prezz, indipendentement minn kunsiderazzjonijiet ohra li m' ghandhom x' jaqsmu xejn u li jmorru lil' hinn mill-iskop tat-tender…..it-tender kellu jinghata lis-socjeta' appellanti stante li hija kellha l-ahjar offerta, u dan irrispettivament mill-kwistjoni ta' jekk il-margini tal-profitt kienx wiehed baxx, ghaliex dik hi kwistjoni li ghandha tinteressa biss lill-kumpanija li tkun ghamlet l-offerta u lil hadd aktar."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**28.** Il-fatti relevanti huma dawn.

**29.** Fit-3 ta' Settembru 2013 harget *Tender Document* numru WSM 075/2013 li ghalih tefghu offerti tmien kumpaniji, fosthom is-socjeta` appellanti Kerber u s-socjeta` appellata Signal.

**30.** Dan id-dokument jikkontjeni*, inter alia*, zewg klawsoli li huma ta' certu import ghall-finijiet tal-ezami odjern. Hemm il-klawsola numru 5.1.1[6] li tistipula l-uniku kriterju li ghandu jiddetermina l-ghoti tat-*tender*, u hemm il-klawsola 2.5.2 li, ghalkemm ma ssemmietx mill-partijiet, hija ta' certu relevanza stante li timponi fuq il-kuntrattur l-obbligu li jaderixxi ruhu mal-ligijiet li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema, u wkoll, *inter alia,* tistipula espressament hekk:

> *"…It is emphasized that tenderers shall not engage the Contract workers as self-employed. In submitting the bid, Contractors are automatically giving their*

6 Infra

> *consent to the Company to verify compliace with the above through their submission of relative pay slips, FS3 forms or through other means."*

**31.** Inoltre, il-klawsola 7.8 tal-istess dokument tobbliga li l-kuntrattur jagixxi skont il-kundizzjonijiet tat-*tender* u li *"Failure to abide with this clause shall render the Contractor liable to the penalties stipulated in Clause 8.19"*

**32.** Illi skont l-Evaluation Report l-offerta tas-socjeta` appellanti Kerber[7] giet meqjusa bhala l-ahjar offerta, u fir-rapport gie registrat li din l-offerta kienet *"the cheapest compliant offer and in comparison with our estimate, which amounts to €7.67 per hour [including VAT], the offer is deemed to be fair and reasonable."*

**33.** Permezz ta' ittra datata 24 ta' Jannar 2014 mibghuta lil Awtorita` appellata, is-socjeta` appellata Signal oggezzjonat ghal ghoti tat-*tender* lis-socjeta` appellanti, u bbazat l-oggezzjoni taghha fuq zewg allegazzjonijiet; [1] li ma kienx possibbli li s-socjeta` appellanti taderixxi mal-kundizzjonijiet tat-*tender* bl-ingagg ta' impjegati *part-time* biss, u dan kien ser iwassal sabiex l-istess appellanti tidhol f'telf sostanzjali; u [2] barra minnhekk rata ta' anqas minn hames Euros u sitta u sittin centezmi (€5.66) tfisser lil min jiehu t-*tender* *"will be definitely employing personel with precarious conditions and this in serious breach of the Law."*

---

[7] L-offerta kienet bi r-rata tal-paga kienet ta' €6.40, filwaqt li l-offerta ta' Signal kienet ta' €6.68

**34.** Din il-Qorti tirrileva li fid-determinazzjoni tal-vertenza li ghandha quddiemha huma applikabbli s-segwenti principji:

**35.** [a] Skont ir-regolament 21[4] is-setghat u l-funzjoni tal-Bord hi mfissra hekk:

> "…… il-Bord ta' Reviżjoni .. għandu jeżamina l-kwistjoni b'mod ġust u ekwu. Meta jkun qiegħed jiddeċiedi l-Bord ta' Reviżjoni jkollu l-awtorità jikseb b'kull mod li jqis adatt, kull informazzjoni oħra li ma tkunx diġà ġiet provduta mill-awtorità kontraenti. Il-Bord ta' Reviżjoni għandu jiddeċiedi lilment billi jew jilqgħu jew jiċħdu…"[8]

**36.** [b] Il-Bord bhala tribunal ta' revizjoni ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni moghtija mil-ligi lill-Kumitat ta' Evalwazzjoni. Huwa dan li fil-ligi ghandu l-funzjoni li jezamina l-offerti mitfugha, u dan fid-dawl tal-kontenut tat-*tender* dokument. Il-funzjoni tal-Bord hi li tezamina t-talba tal-appellant fid-dawl tal-motivazzjoni tal-oggezzjoni, sabiex tara jekk hemmx ragunijiet gravi li jimmilitaw kontra d-decizjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni.

**37.** [c] Il-Bord ghandu japplika l-principju *iuxta allegata et probata*, u m'ghandux imur lil hinn mill-fatti provati. Ghalhekk mhux il-kompitu tieghu li

[8] Sottolinear tal-Qorti

jaghmel assunzjonijiet jew kongetturi, anke jekk forsi dawn jistghu jkunu jidhru ragjonevoli.

**38.** [d] Il-Bord hu marbut bil-kundizzjonijiet tat-Tender Document, u ma jistax jiddipartixxi mill-parametri delineati minn dan id-dokument.

**39.** Fil-meritu l-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**40.** Li t-*tender* dokument jghid car u tond:

> *"The sole award criterion[9] shall be the rates/prices. The Contract shall be awarded to the cheapest priced Tender wihich satisfies the admintrative and technical criteria."*

**41.** Dan ifisser li, jekk il-kriterji amministrattivi u teknici jigu sodisfatti mid-diversi offerenti, allura dak li jirbah huwa l-irhas *tender*, u la l-Kumitat tal-Evalwazzjoni u lanqas il-Bord ta' Revizjoni ma jistghu jinjoraw jew jiddipartixxu minn din il-kundizzjoni tassattiva tat-*tender*. Ghalhekk ladarba jirrizulta li s-socjeta\` appellanti u s-socjeta\` appellata Signal issodisfaw il-kundizzjonijiet amministrattivi u teknici, allura kellha bilfors ["shall"] tipprevali l-irhas offerta, u cioe\` dik tas-socjeta\` appellanti.

---

[9] Klawsola 5.1.1 - Sottolinear tal-Qorti

**42.** Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm fid-decizjoni tieghu l-Bord ma qalx espressament li kien qed jilqa' l-appell tas-socjeta` Signal, minn qari tal-parti operattiva tad-decizjoni ghandu jirrizulta manifestament li bid-decizjoni tieghu l-Bord laqa' l-ilment ta' Signal li s-socjeta Kerber kienet qed thaddan il-prekarjat. Ghalhekk dan l-aggravju huwa infondat.

**43.** Rigward it-tieni aggravju, dan hu fis-sens li l-margini ta' profitt li kienu ser jaghmlu s-socjeta` appellanti u dik appellata huwa fattur li ma kellux jigi kkunsidrat mill-Bord fid-determinazzjoni tal-vertenza li kellu quddiemu, ghax din kienet materja li kienet tinteressa biss lill-offerenti li l-motiv wara l-offerta taghhom seta' ma kienx necessarjament wiehed finanzjarju, izda, kif sottomess mill-istess appellanti, *"…mhux l-ewwel darba li socjeta` kummercjali jkollha bzonn tammassa certu turnover liema turnover hija tkun tista' tpoggih fil-profil taghha biex turi l-esperjenza u l-kapacitajiet taghha f'sejhiet ghal offerti futuri li jkunu ta' portata ikbar inkluzi dawk internazzjonali u Ewropej.."* Ghalhekk ir-rebh tat-*tender* jista' jkun ta' beneficju ghas-socjeta` li terbhu, mhux biss mil-lat ta' profitt immedjat, izda anke mil-lat ta' reputazzjoni tas-socjeta` fid-dinja kummercjali. Din il-konsiderazzjoni ddghajjef serjament l-osservazzjoni maghmula mill-Bord li *"no commercial enterprise would enter into an obligation for a ridiculous margin of contribution."*

**44.** Inoltre, l-osservazzjoni tal-Bord li r-rati baxxi offruti setghu jwasslu ghal prekarjat sabiex jigu implimentati l-kundizzjonijiet tat-*tender*, mhijiex sostnuta anzi hija kontradetti mill-provi, stante li l-Bord stess irrikonoxxa li, ghalkemm marginali, bir-rati offruti setgha jsir profitt albeit marginali, u kif fuq gja` spjega, il-profitt mhux necessarjament l-uniku fattur wara l-offerti.

**45.** Jinghad ukoll li skont il-kundizzjonijiet tat-*tender*, *"Contractors are automatically giving their consent to the Company"*[10] biex jigi accertat li tigi osservata l-ligi dwar il-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-impjegati. Dan ifisser li, minkejja li s-socjeta` appellanti rebhet it-*tender*, hija xorta wahda tibqa' soggetta ghall-vigilanza tal-Awtorita` Kontraenti dwar l-aderenza taghha mal-ligi dwar l-impiegi f'Malta u mal-kundizzjonijiet stipulati fit-*tender* dokument.

**46.** Fl-ahharnett din il-Qorti tenfasizza li ladarba s-socjeta` appellanti ssodisfat is-*"sole award criterion"* dwar rati/prezzijiet, la l-Evaluation Bord u lanqas il-Bord ta' Revizjoni ma kellhom is-setgha li jiddipartixxu minn din il-kundizzjoni principali stipulata fit-*tender*.

**47.** Ghaldaqstant it-tieni aggravju huwa fondat.

---
[10] Supra

**48.** Rigward it-tielet aggravju din il-Qorti tenfasizza li ladarba s-socjeta` appellanti ssodisfat is-*“sole award criterion”* dwar rati/prezzijiet, u ladarba gew sodisfatti r-rekwiziti amministrattivi u teknici, la l-Evaluation Bord u lanqas il-Bord ta’ Revizjoni ma kellhom is-setgha li jiddipartixxu minn din il-kondizzjoni principali stipulata fit-tender. B’mod partikolari il-Bord ma setax imur lil’ hinn mill-kompetenza moghtija lilu bil-ligi meta, minghajr ma saritilu talba ghal daqshekk, mhux biss ordna il-hrug ta’ sejha ghall-offerta gdida izda rrakkomanda jew ahjar holoq rekwizit li ghandu jifforma parti minn dik is-sejha l-gdida. Ghalhekk dan l-aggravju huwa fondat peress illi d-decizjoni tal-Bord marret *ultra petita*.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa’ l-appell tas-socjeta` Kerber Securities Ltd. u tirrevoka d-decizjoni appellata u, peress li l-unici offerenti li baqa’ huma s-socjeta` appellanti u Signal 8 Security Services Malta Limited u l-irhas offerta li rrizultat li hi dik tas-socjeta` appellanti, tordna li t-tender jigi aggudikat favur is-socjeta` appellanti Kerber Securities Ltd. L-ispejjez kollha jkunu a karigu tas-socjeta` appellata Signal 8 Security Services Malta Limited.

## < Sentenza Finali >

----------------------------------TMIEM----------------------------------